## QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Ph.d.**

**Appell Nru: 5578/2023**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Glenn Gerald urry**

**<u>Illum, 21 ta' Novembru,2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, **Glenn Gerald Urry** detenur tal-karta tal-identita Maltija **509088M**, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-24 ta' Novembru 2022 gewwa Fourt's Pastizzeria, Pjazza Antoine de Paule, Paola, Malta naqas milli jaghti jew jipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali jew kotba ta' ricevuti fiskali manwali kif approvati mill-Kummissarju li jikkonformaw mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax-il Skeda li tinsab mal-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud skond il-kumpens lilek imhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 tal-imsemmija Skeda u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 tal-Att Nru. XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati ( Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar l-10 ta' Lulju, 2024, sabet lill-appellant hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u kkundanatu multa ta' tlett elef euro (3,000).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Glenn Gerald Urry , preżentat fir-reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 ta' Lulju,2024, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi tiddikjara l-procedura;

- Irrita u nulla u terga' tibghat il- process/kaz quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Gudikatura Kriminali) sabiex jerga' jinstema mill-gdid, u f'kaz li dina ma tintlaqax, tvarja jew tirrevoka l-piena ta' multa inflitta.

**L-aggravji huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:**

L-ewwel aggravju huwa bbazzat illi l-appellant ma kienx assistit f'dawn il- proceduri kriminali, u lanqas gie offrut avukat ta' l-ghajnuna legali u aghar minn hekk thalla jixhed minghajr ma nghata l-*caution*. Jidher car mill-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2023 illi huwa ma kienx assistit: "*Deher l-imputat mhux assistit*". Jidher car ukoll illi: "*Xehed bil-gurament Glenn Gerald Urry*". La fil- verbal u lanqas fit-traskrizzjoni tax-xhieda ta' Glenn Gerald Urry ma jidher illi l- appellant inghata l-*caution* qabel ma tela' fuq il-pedana jixhed. Il-fatt illi huwa ma kienx assistit u ghalhekk ma kienx jaf ir-repurkussjonijiet li jkollu jekk jitla' jixhed jilledu ghad-drittijiet fundamentali tieghu. Kull imputat ghandu dritt jkun assistit u fl- ebda mument ma jidher illi l- appellant irrifjuta dana d-dritt. Illi ghalhekk fuq dana 1-bazi qeghda tigi eccepieta n-nullita' u qeghda titlob illi l- atti jergghu jintbaghtu quddiem il- Qorti Magistrati (Gudikatura Kriminali) sabiex jergghu jinstemghu mill-gdid.

Illi t-tieni aggravju jorbot ma' l-ewwel aggravju, ossia mal-fatt illi l-appellant ma kienx assistit. Fis- sentenza ta' 1-10 ta' Lulju 2024 hemm miktub illi d-difensuri tal- partijiet trattaw. Izda kif hemm miktub car fil-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2023, 1-

appellant ma kienx assistit. Issa fil- process hemm it-trattazzjoni ta' l-abbli avukat Dr Albert Zerafa. Izda kif jidher car mit-trattazzjoni ta' l-istess avukat jidher car illi t-trattazzjoni qeghda titratta l-kaz ta' Paul Grech li huwa sid il-hanut. Paul Grech kellu akkuza separata u ma kienux ko-akkuzat. Dr Zerafa fl-ebda mument ma tkellem a nom ta' l-appellant. Illi ghalhekk fis- sentenza hemm zball kardinali u ghalhekk anka ghal dan il-fatt qeghda tigi eccepieta n-nullita tas- sentenza u qegħda tintalab illi l- atti jergghu jintbaghtu quddiem il- Qorti Magistrati (Gudikatura Kriminali) sabiex jergghu jinstemghu mill-gdid

Illi t-tielet u 1- ahhar aggravju u minghajr pregudizzju ghaz-zewgt aggravji suesposti, il-piena nflitta hija wahda ezagerata tenut kont il-fatt li qeghdin nitkellmu fuq impjegat, u fuq kaz li kien sehh l-ewwel darba u fl-ahhar nett fuq pizza ta' €1.70 li *del resto* 1-appellant hareg l-ircevuta wara. Piena ta' €3,000 meta qeghdin nitkellmu fuq pizza €1.70 hija wahda li mhux xierqa. Gustizzja trid issir izda din mhux gustizzja izda piena krudili ghal impjegat li lanqas biss jaqla' €3,000 fix- xahar. Illi ghalhekk f'kaz li l- ewwel zewgt aggravji ma jintlaqawx qieghed jigi mitlub illi l-piena tigi ridotta ghal minimu li tista' tinghata jew tigi rrevokata tenut kont tal-fatti tal-kaz.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentat fir-registru ta din l-Onorabbli Qorti nhar it-30 ta' Settembru, 2024 fejn in sintesi ma jaqbilx mat-tezi tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lill-partijiet jittrataw ir-rikors tal-appell u dan fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2024.

**Ikkunsidrat**,

In in pocje parole l-appell tal-appellant jiccentra fuq il-fatt li huwa ma kienx assistit minn avukat quddiem l-ewwel Qorti u lanqas ma ngahta id-dritt li jkun assistit u

mhux hekk biss izda xehed minghajr ma nghata id-dritt tas-silenzju u d-dritt li ma jinkriminax ruhu.

Rat il-verbali tal-kawza. Fl-ewwel seduta ta' nhar il-25 ta' Ottubru, 2023 deher l-imputat illum appellant quddiem il-Qorti mhux assistit u minkejja dan xehdet Lorraine Gala in rapprezentanza tal Kummissarju tat-Taxxi u d-Dwana u Daryl John Cachia in rapprezentanza tal-Kummisarju tat-Taxxi u d Dwana. Dakinhar xehed ukoll l-appellant u saret it-trattazzjoni.

L-**artikolu 355AUA** tal-kodici kriminali jipprovdi li:_

*(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*

*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*

*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*

*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l libertà; (d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti li għandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.*

***(3) Talba għall-assistenza legali għandha tiġi rrekordjata fir-rekord ta' kustodja flimkien mal-ħin meta din it-talba tkun saret sakemm it-talba ma tkunx saret f'ħin meta l-persuna li tkun għamlitha tkun il-qorti wara li tkun akkużata b'reat f'liema każ it talba m'għandhiex għalfejn tiġi rrekordjata.[1]***

In oltre  l-artikolu 519 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi, *inter alia*, illi hu dmir tal-Qrati tal-Gusitizzja Kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputat jew l-akkuzati. Kif, inghad, effettivament, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'

[1] Enfasi tal-qorti

Gudikatura Kriminali naqset milli tosserva dan id dmir u cahdet ukoll lill-appellanti mid-dritt taghhom ghal rapprezentanza legali.

Din il-Qorti tghamel referenza ghas-sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Fenech** deciza nhar it-30 ta' Gunju, 2004 fejn gie ritenut is-segwenti:

*"Illi l-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali jiddisponi li "hu dmir talqrati talgustizzja kriminali li jipprovdu ghaddifiza gusta ta' l imputatii jew akkuzati".*

Illi din il-Qorti diversament preseduta mhux l-ewwel darba li esprimiet ruhha kif irid jigi tutelat dan id-dritt. Kif gie deciz fl-Appell Kriminali: **Il-Pulizija vs. Bernard Grech**[2]:

*"… l imputat kien qieghed implicitament jitlob assistenza legali u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha ddmir li tipprovdi ghaddifiza gusta tieghu kif jitlob l-artikolu 519. Dana l-Ewwel Qorti setghet taghmlu jew billi tipposponi (mhux tiddiferixxi) ghal ftit hin sakemm l imputat isib lillAvukat tieghu jew jinkariga avukat iehor, jew f'kaz li ma jirnexxilux jinkariga avukat iehor, billi tinnominalu avukat jew prokuratur legali a spejjez pubblici. Kieku lewwel Qorti ghamlet xi wahda minn dawn laffarjiet kien ikollha kull dritt li tkompli bil kawza – li wara kollox hija wahda sommarja – dik il gurnata stess, wara li naturalment, taghti zmien xieraq lill avukat jew prokuratur legali gdid sabiex ikellem lill imputat u jigi debitament istruwit minnu dwar il-kawza. Fil-kaz in dizamina l-Ewwel Qorti ma ghamlet xejn minn dan, u minflok ghaddiet minnufih biex tippronunzja ssentenza. B' hekk jigi li fi stadju krucjali talkawza, u precizament meta l imputat kellu jaghzel jixhidx jew le, hu talab ghall assistenza legali u din giet michuda lilu (ara fl istess sens issentenza ta' din il-Qorti tas26 ta' Gunju, 1998, fil kawza fl ismijiet **il-Pulizija v Michelina Apap** Dan kien nuqqas serju li necessarjament iwassal ghall-annullament ta' lewwel sentenza."*

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta bic-car li l-appellant ma kienx assistit minn avukat, intemghu x-xhieda meta l-appellant ma kienx assistit, l-appellant telgha jixhed minghajr ma gie infurmat dwar id-drittijiet tieghu kif naxxenti mil-artikolu 534AB tal-

[2] Deciza minn din il-Qorti diversament peseduta nhar it-23 ta Settembru, 1998 per V Degaetano

Kodici Kriminali *inter alia* id-dritt tieghu ta' silenzju, id-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat, id-dritt tieghu li ma jinkriminax ruhu u id-dritt tieghu li jekk irid ma jixhedx.

Din il-Qorti tifhem u tissimpatizza hafna mal-Ewwel Qorti li ovvjament kienet taht pressjoni konsiderevoli ta' xoghol u riedet twettaq il-programm ta' xoghol taghha f' dik is-seduta w tapprezza wkoll li l-Qrati ta' sikwiet isibu l-pjanijiet u l-programmi taghhom ta' xoghol frustrati bin-nuqqas ta' attendenza puntwali ta' imputati, xhieda jew avukati. Pero` fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ladarba l-akkuzat ghandu d-dritt tieghu li jkun assistit minn avukat jew prokuratur tal-Qorti u la darba li l-Qorti ghandha l-obbligu li tistaqsi lill-akkuzat jekk irid tali assistenza, din il-Qorti m'ghandiex alternattiva ohra hlief li jkollha tannulla s-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata u biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-"*doppio esame*", kif rikjest mill-appellant fir-rikors tal-appell tieghu qed tirrinvija l-atti lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex il-kawza tigi trattata u deciza mill-gdid skond il-ligi.

Dr Consuelo Scerri Herrera

Onor Imhallef